**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta’ nhar-il Erbgħa 28 ta’ Settembru 2016**

**App. Nru. 482/12 DS**
**App. Nru. 496/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Adrian Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Adrian Vella, karta ta’ l-identita` numru 424865(M), talli:

(1) f’dawn il-Gżejjer fl-4 ta’ Jannar 2006, ġewwa l-Qawra, wara intervent u tfittxija li saru mill-uffiċjali tad-Dwana u mill-Pulizija fil-vettura Toyota van bin-numru tar-reġistrazzjoni DBM-662, li kien ipparkjat quddiem il-ħanut bl-isem ta’ “The Vineyard” fi Triq il-Qawra u sussegwentement fil-garaxx numru 329 “Cosmopolitan” kollha proprjeta` ta’ l-imsemmi Adrian Vella, xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu; u/jew espona għall-bejgħ sigaretti u fliexken tax-xorb alkoholiku bla dazju, u dan fi kwantita` kif deskritt hawn taħt:

**1. Sigaretti misjuba fil-vettura:**

(i) 24 kartuna b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Super Kings Black
(ii) 25 kartuna b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Super Kings
(iii) 28 kartuna b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Regal
(iv) 15-il kartuna b'400 sigarett kull kartuna tal-marka Regal
(v) 2 kartuniet b'400 sigarett kull kartuna tal-marka Dunhill International
(vi) 50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Silk Cut Purple
(vii) 29 kartuna b'200 sigarett kull kartuna tal-marka Marlboro Lights

**Valur:** Lm2384.00 **Dazju ta' Importazzjoni:** Lm1373.18,4
**Dazju tas-Sisa:** Lm1728.67,9 **Taxxa fuq il-Valur Miżjud:** Lm987.45

**2. Whisky u gin bla dazju mħallas, misjuba fl-istess vettura ppakkjati mas-sigaretti fuq imsemmija:**

(i) 11-il flixkun ta' 70 cl il-wieħed Gordon's Gin
(ii) 24 flixkun ta' 70 cl il-wieħed J & B Scotch Whisky

**3. Whisky misjub fil-garaxx:**

(i) 271 flixkun ta' 20 cl il-wieħed J & B Scotch Whisky

**Valur:** Lm379.40 **Dazju ta' Importazzjoni:** xejn
**Dazju tas-Sisa:** Lm216.80 **Taxxa fuq il-Valur Miżjud:** Lm107.31,6

(2) fl-istess perijodu ta' żmien, post u ċirkostanzi, xjentement kellu x'jaqsam filli b'xi mod iddispona kontra l-liġi minn xorb ta' din ix-xorta, u dan bil-ħsieb illi bil-qerq seta' jaħrab milli jħallas id-dazji u/jew xi xorta ta' taxxa oħra dovuta fuq dawn is-sigaretti u dan ix-xorb, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Dawn is-sigaretti u x-xorb, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totali ta' Lm2763.40, dazju tas-Sisa dovut ta' Lm1945.47,9, dazju ta' importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud li jammontaw għal Lm1373.18,4 u Lm1094.76,6 rispettivament, liema Taxxa fuq il-Valur Miżjud ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud. U aktar bi ksur ta' l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana tal-Kap. 37, u l-artikoli 16(l)(j) u 17(a) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imsemmi Adrian Vella għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti

fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx ħtija dwar dak li nstab u ġie elevat mill-van u ma ordnatx il-konfiska tiegħu, iżda sabitu ħati talli fl-4 ta' Janar 2006 instab li kellu 271 flixkun J & B whisky li fuqu ma kienx tħallas dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur miżjud u, wara li rat l-artikoli 16(l)(j) u 17(a) tal-Kap. 382 u l-artikolu 80 tal-Kap. 406, ikkundannatu €783 multa li minnhom €260 huma dejn ċivili. Inoltre kkundannatu sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena bl-applikażżjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-aħħarnett ordnat il-konfiska ta' dawn il-271 flixkun J & B whisky;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Adrian Vella ppreżentat fit-22 ta' Ottubru 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati fir-rigward tal-271 flixkun ta' J & B Scotch Whisky fit-termini ta' l-artikoli rispettivi ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa u ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-parti fejn erogat il-piena msemmija, u tikkonfermaha fil-bqija jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fil-31 ta' Ottubru 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: (1) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni relattivament għall-konsenja ta' xorb alkoholiku li nstabu fil-garaxx numru 329 "Cosmopolitan" fl-ammont ta' 271 flixkun J & B Scotch Whisky; (2) tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu mhux ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni relattivament għall-konsenja ta' sigaretti li nstabu fil-van bin-numru ta' reġistrazzjoni DBM-662; (3) tħassarha wkoll f'dik il-parti fejn erogat il-piena ta' multa fl-ammont ta' seba' mija u tlieta u tmenin euro (€783) u ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u minflok (4) issibu ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni relattivament għall-imsemmija konsenja ta' sigaretti li nstabu fil-van bin-numru ta' reġistrazzjoni DBM-662; u (5) teroga l-piena komplessiva, ġusta u skond il-liġi konsegwenti s-sejbien ta' ħtija fuq l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat appellat, inkluż il-konsegwenzi li jitnisslu mis-sejbien ta' ħtija;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-imsemmi Adrian Vella esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.

**7.** L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu li l-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba, nonche` serħet il-konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi. Dan l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda l-imputazzjonijiet li minnhom inħeles l-imsemmi Adrian Vella (f'din il-parti tas-sentenza msejjaħ "l-appellat Vella"). F'dar-rigward l-Avukat Ġenerali jsostni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkunsidrat illi l-istqarrija rilaxxata mill-appellat Vella fis-6 ta' Jannar 2006 ma kellhiex valur probatorju stante li din kienet ittieħdet mingħajr ma ngħatalu d-dritt li jieħu l-parir legali. Huwa jagħti numru ta' raġunijiet:

> "Illi fis-seduta ta' nhar-is 26 ta' Jannar 2012 l-Avukat Difensur ivverbalizża illi kien *'... bi ħsiebu jqajjem il-kostituzzjonalita` tal-valur probatorju tal-istqarrija u ta' kull ma stqarr l-imputat li hi l-unika prova kontra tiegħu'*, u dan wara illi l-istess Avukat Difensur fis-seduta ta' nhar-it 23 ta' Novembru 2010 kien ivverbalizża illi: *"Id-Difiża qed teżenta lil prosekuzzjoni li ttella' x-xhieda tal-istqarrija esebita a fol 11 [tal-proċess] u* ***jaċċetta bħala awtentika u mogħtija volontarjament****'.*
>
> "Illi l-esponenti għandu x'jifhem illi l-kontestazzjoni mqajma mill-Avukat Difensur fis-seduta ta' nhar-is 26 ta' Jannar 2012, rigward il-valur probatorju tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat appellat fil-każ odjern, kienet magħmula fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin, fosthom *Il-Pulizija v. Alvin Privitera* [1], *Il-Pulizija v. Mark Lombardi* [2], u *Il-Pulizija v. Esron Pullicino*, fejn essenzjalment kien ġie deċiż illi jkun hemm leżjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, kif sanċit taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kull meta persuna ma tingħatax il-fakolta` għall-assistenza legali qabel ma dik il-persuna tirrilaxxja stqarrija;
>
> "Illi l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qrati Maltin fis-sentenzi hawn fuq ċitati tnisslu mill-każ fl-ismijiet *Salduz v. Turkey* ....
>
> "Illi ... l-fattispecie fil-każ *Salduz* huma ferm differenti minn dawk fil-każ odjern fejn fil-fatt, f'dak il-każ kien ġie allegat, fost affarijiet oħra, trattament ħażin waqt l-interrogazzjoni tiegħu, u kif ukoll illi l-istqarrija ġiet rilaxxata wara li kien imġiegħel jagħmel hekk, mentgri fil-każ odjern ma jirriżulta minn imkien illi l-imputat appellat kien b'xi mod immaltratat jew imġiegħel jirrilaxxja stqarrija mill-Pulizija;
>
> "Illi kuntrarjament għal każ ċitat immedjatament hawn fuq, l-imputat appellat kien iddikjara, waqt l-interrogazzjoni tiegħu, illi l-istqarrija mogħtija minnu lil Pulizija kienet magħmula '... ***volontarjament u ma ġietx imġiegħla b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' xi vantaġġi, u wara li ngratli nagħżel li niffirma***';

---

[1] Qorti Kostituzzjonali, 11 t'April 2011

[2] Qorti Kostituzzjonali, 12 t'April 2011.

"Illi iktar minn hekk, dan il-fatt hekk kif dikjarat mill-imputat appellat waqt l-interrogazzjoni tiegħu ġie eventwalment konfermat mill-Avukat Difensur stess waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2010 meta vverbalizża illi l-istqarrija mogħtija mill-imputat appellat kienet saret volontarjament;

"....

"Illi kif ben tajjeb qalet l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet *Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali*:

" '...**l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita`, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.'**

"Illi l-esponenti jirrileva wkoll illi l-fatt waħdu biss li persuna ma kinitx assistita minn avukat, qabel tkun irrilaxxat stqarrija, ma jimplikax awtomatikament leżjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq u fil-fatt kien hemm diversi drabi fejn il-Qorti Ewropea ma sabet l-ebda leżjoni ta' dan id-dritt;

"....

"Illi għalhekk meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni t-totalita` tal-proċeduri kollha sabiex jiġi determinat seħħitx leżjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq, jirriżulta illi fil-każ odjern fil-fatt ma seħħet l-ebda leżjoni;

"Illi l-esponenti wasal għal din il-konklużjoni wara illi ħa in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom illi:

"i. l-imputat appellat kellu d-dritt illi jibqa' sieket għall-mistoqsijiet illi kienu ser isirulu waqt l-interrogazzjoni mingħajr ma ssir ebda inferenza minn dik l-għażla;

"F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ *Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali* spjegat illi d-dritt għall-assistenza legali hu meħtieġ b'mod partikolari f'ċirkostanzi fejn il-liġi ta' xi pajjiż toħloq inferenzi sfavorevoli fil-konfront ta' imputat meta dan jagħżel illi jibqa' sieket waqt l-interrogatorju tiegħu u kif dan ma kienx il-każ pero` taħt il-liġi Maltija. Hi qalet illi:

**"'Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla**

**kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx.... Din il-liberta` fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.**

"ii. l-imputat appellat fl-ebda mument ma allega xi trattament ħażin da parti tal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni; iktar minn hekk, l-imputat appellat, u kif ukoll l-avukat difensur, in rappreżentanza tiegħu, aċċettaw il-volontarjeta` tal-istqarrija mogħtija minnu;

"iii. L-imputat appellat kien assistit minn avukat matul il-proċeduri kollha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

"Illi finalment jingħad ukoll illi l-imputat appellat ma kienx minorenni fi żmien meta tteħditlu l-istqarrija u lanqas ma jidher, skond il-fedina penali tiegħu, illi din kienet l-ewwel interrogazzjoni tiegħu u għalhekk l-esponenti jistaqsi kif wieħed jista' serenament jgħid illi l-imputat appellat kien xi persuna vulnerabbli, kif kien meqjus *Salduz*, meta għamel l-istqarrija;

"Illi għalhek meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li l-istqarrija ma setax ikollha valur probatorju, stante li ttieħdet mingħajr id-dritt għall-assistenza legali, l-apprezzament tal-provi kif kien pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija miġjuba quddiemha;

"Illi fil-fatt l-intenzjoni tal-imputat appellat li kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu oġġetti bla dazju toħroġ ċara mill-istqarrija tiegħu fejn a fol 12 tal-proċess l-imputat appellat iwieġeb:

" *'M. Inti taf li ma tistax tbiegħ u lanqas tixtri sigaretti jew xorb duty free. T. Iva. Naf. M. kien hemm drabi oħra fejn xtrajt u bigħhejt sigaretti duty free jew xorb? T. Le qatt ma kien hemm drabi oħrajn. M. Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra? T.* ***<u>Jiena naf illi ta' dan għandi inħallas u lest li nħallas is-somma dovuta bejn dazju u valur.</u>*** *'*

"Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad hawn iktar 'il fuq teżisti wkoll bħala prova x-xiehda tal-Ispettur Kevin Borg mogħtija minnu fis-seduta ta' nhar-it 30 ta' Awwissu 2007 fejn xehed illi l-imputat appellat kien ammetta li xtara s-sigaretti b'mod illegali u kif ukoll illi kien l-imputat appellat stess li, ***<u>volontarjament</u>***, qallu fejn kien il-garaxx ta' Bugibba, u cioe` fejn kellu l-fliexken tax-xorb, għax altrimenti ma kinux ser jaslu għalihom;

"Illi finalment fl-umli opinjoni tal-esponenti, kuntrarjament għal dak rikjest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-prova illi l-van, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBM-662, fejn kienu qed jinżammu l-oġġetti in kwistjoni kellu jkun proprjeta` tal-imputat appellat ma hix rikjesta mil-liġi;

"Illi fil-fatt il-liġi kull ma titlob huwa illi jiġi pruvat illi persuna *'... xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu ... sigaretti u fliexken b'xorb alkoholiku bla dazju ...'* u mhux li l-post fejn ikunu qed jinżammu l-oġġetti ikun proprjeta` tal-imputat;

"Illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qalet illi: *"Dwar il-vettura l-Qorti tgħid li ma nġabet l-ebda prova, wisq anqas l-aħjar prova, li kienet tappartjeni lill-imputat jew kienet taħt il-pussess tiegħu.* ***Kull m'hemm bħala prova f'dan ir-rigward hu li l-imputat ġie ordnat li jiftaħ il-van u hu fetħu****'*;

"Illi bil-fatt li ġie pruvat illi l-imputat appellat kellu l-mezzi sabiex ikun jista' jiftaħ il-vettura in kwistjoni hi indikazzjoni ċara illi dik il-vettura, jekk mhux proprjeta` tiegħu, kienet għallinqas taħt il-kontroll tiegħu;

"Illi barra minnhekk meta l-imputat appellat kien ordnat illi jiftaħ il-van mill-Ispettur JP Brincat, skond ix-xiehda ta' Raymond Muscat fis-seduta ta' nhar-id 19 ta' Jannar 2010, fl-ebda ħin ma ċaħad illi dak il-van fejn instabu l-oġġetti in kwistjoni kien fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu; anzi iktar minn hekk, l-imputat appellat għażel illi jiffirma r-riċevuta tal-oġġetti li ġew elevati mill-Uffiċjali tad-Dwana minn ġo dan il-van, liema riċevuta tinsab esebita a fol. 36 tal-proċess."

**8.** Issa, l-appellat Vella kien suspettat li kellu fil-pussess tiegħu sigaretti u xorb alkoholiku. Fit-termini ta' dak li ntqal fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Jannar 2014, dak li l-appellat Vella (bħala persuna suspettata) seta' qal lill-investigaturi, mingħajr ma ngħata twissija, ma jistax jittieħed bħala prova. Kwantu għall-istqarrija tiegħu, jidher ċar illi l-Avukat Ġenerali jistrieħ, *inter alia*, fuq dak li ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali**. Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kellha diversi okkażjonijiet biex tikkunsidra mill-ġdid din il-kwistjoni. Hekk, fis-sentenza tagħha **Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali** mogħtija fis-16 ta' Mejju 2016, qalet:

"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.

"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.

> "19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[3] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.
>
> "20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.
>
> "21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' **Dimech** il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.
>
> "22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."

**9.** Jiġifieri, għalkemm fil-każ ta' **Borg vs Malta** il-proċeduri kriminali kienu ġew definittivament terminati, fil-każ ta' **Saliba**, fejn il-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll ikkonkludiet li l-istqarrija kellha tiġi sfilzata.

**10.** Fil-każ in eżami, il-prova prinċipali tal-prosekuzzjoni hija stqarrija rilaxxjata mill-appellat Vella fis-6 ta' Jannar 2006 meta allura l-liġi kienet b'mod skematiku tivvjeta l-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Minn qari ta' l-istess stqarrija jirrizulta illi l-appellat Vella għamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji mingħajr ma kiseb preventivament il-parir legali u dan għaliex kif ingħad dan il-jedd ma kienx jeżisti fil-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Għalhekk, fid-dawl ta' dak deċiż f'**Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali**,[4] it-talba ta' l-Avukat Ġenerali sabiex din il-Qorti tagħti valur probatorju lill-istqarrija ta' l-appellat Vella hi miċħuda.

**11.** L-Avukat Ġenerali jippretendi li hemm provi oħrajn li juru li l-appellat Vella kellu l-pussess jew il-kontroll tal-van fejn instabu s-sigaretti. L-uffiċjal

---

[3] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

[4] Ara wkoll **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju 2016.

tad-Dwana Raymond Muscat xehed li kien l-Ispettur tad-Dwana Joseph Brincat li ordna lill-appellat Vella biex jiftaħ il-van. Iżda l-Ispettur tad-Dwana Brincat stess jgħid biss li kienu nvestigaw van ipparkeġġjat faċċata tal-ħanut ta' l-appellat Vella u li kellhom istruzzjonijiet biex ifittxu ġewwa dan il-van. Inoltre m'hemm l-ebda prova dwar jekk il-van kienx imsakkar jew le. Ħadd mix-xhieda ma qal b'liema mezz infetaħ il-van. U għalkemm huwa sufficjenti li ssir prova ta' "pussess", ma kien hemm xejn x'iżomm lill-prosekuzzjoni milli ġġib prova ta' min kien il-van billi jiġi nġunt rappreżentant ta' l-Uffiċċju tal-Liċenzji. L-irċevuta ppreżentata ma hijiex waħedha prova ta' pussess xjenti kontra l-liġi.

**12.** F'dan l-istadju din il-Qorti se tgħaddi biex tikkunsidra l-appell ta' Adrian Vella (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-appellant Vella). L-aggravji ta' l-apepllant Vella huma: (1) li ma kellux jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 16(1)(j) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa fir-rigward tal-271 flixkun J & B Scotch Whisky; (2) li ma kellux jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, ma seta' qatt jingħata piena ta' priġunerija.

**13.** Permezz ta' <u>l-ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant Vella jgħid illi ma kellux jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 16(1)(j) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa fir-rigward tal-271 flixkun ta' 20 cl il-wieħed J & B Scotch Whisky li nstabu ġewwa *garage* f'Bugibba. Jgħid li ma saret ebda prova ta' min kien il-proprjetarju jew min kien qed juża l-*garage* għajr għad-dikjarazzjonijiet tiegħu, tant li l-Ispettur Kevin Borg, fix-xiehda tiegħu, qal mingħajr tlaqliq li li kieku ma qallux l-appellant Vella ma kienx jasal għal dak il-*garage*. Għalhekk, skond l-appellant Vella, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li kienet ċerta u li kien jirriżulta pjenament ippruvat li l-*garage de quo* kien jagħmel użu minnu l-appellant Vella. Huwa jsostni illi tali ċertezza temani biss minn provi vvizzjati. Huwa jirreferi għas-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet **Salduz v. Turkey** (27.11.2008) u għal tliet sentenzi konsegwenzjali mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alvin Privitera** (11.04.2011), **Il-Pulizija v. Mark Lombardi** (12.04.2011) u **Il-Pulizija v. Esron Pullicino** (12.04.2011), f'liema sentenzi ġie deċiż li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni kien leżiv tad-dritt ta' l-akkużati rispettivi għal smigħ xieraq, dritt sanċit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**14.** Fir-rigward tal-*garage* din il-Qorti jkollha tgħid li ma taqbilx ma' l-appellant Vella. Mix-xiehda ta' l-Ispettur Kevin Borg hu evidenti li l-investigaturi ma kellhom l-ebda konoxxenza tal-*garage* in kwistjoni. L-Ispettur Borg jgħid testwalment: "kien hu volontarjament illi qalli fejn kien il-*garage* ta' Bugibba u <u>tani l-fliexken tax-xorb</u>". Il-fatt li kien l-appellant Vella stess li ta

l-fliexken tax-xorb lill-Ispettur Borg ifisser li dawn kienu fil-pussess tiegħu u/jew kontroll tiegħu.

**15.** L-appellant Vella jgħid ukoll illi l-imputazzjonijiet migjuba kontrih ma jirriflettux dak li tiegħu nstab ħati, u cioe` r-reat kontemplat fil-paragrafu (j) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa – *"ikun b'xi mod xjentement involut f'xi evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni tad-dazju li għandu jinġabar bis-saħħa ta' l-Att"*. Skond l-appellant Vella, huwa ċar mid-diċitura ta' l-imputazzjonijiet li dawn joħorġu mill-Ordinanza tad-Dwana u mhux mill-Att dwar Dazju tas-Sisa.

**16.** L-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Vella huma s-segwenti:

(1) li xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu; u/jew espona għall-bejgħ sigaretti u fliexken tax-xorb alkoholiku bla dazju;

(2) li xjentement kellu x'jaqsam filli b'xi mod iddispona kontra l-liġi minn xorb ta' din ix-xorta, u dan bil-ħsieb illi bil-qerq seta' jaħrab milli jħallas id-dazji u/jew xi xorta ta' taxxa oħra dovuta fuq dawn is-sigaretti u dan ix-xorb, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

**17.** M'hemmx dubju li m'hemm l-ebda prova li l-appellant Vella espona għall-bejgħ sigaretti u fliexken tax-xorb alkoholiku bla dazju jew li xjentement kellu x'jaqsam filli b'xi mod iddispona kontra l-liġi minn xorb ta' din ix-xorta. Għalhekk, kemm-il darba jista' jingħad li dawn l-imputazzjonijiet b'xi mod jissubentraw anke f'dak li jipprovdi l-artikolu 16(1)(j) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament ma jirriżultax dak li jiddisponi dan l-artikolu. Is-sempliċi pussess jew kontroll ta' 271 flixkun ta' 20 cl il-wieħed J & B Scotch Whisky lanqas ma jaqa taħt dak li jiddisponi l-imsemmi artikolu. Għalhekk l-appellant Vella ma setax jinstab ħati skond l-artikolu 16(1)(j) imsemmi, kif lanqas l-artikolu 17(1)(a) ta' l-istess Kap. 382.

**18.** F'dan l-istadju din il-Qorti jkollha tistqarr li l-mod ta' kif inhi redatta l-akkuża mhijiex mill-aktar feliċi. Jekk il-prosekuzzjoni riedet takkuża lill-appellant Vella wkoll bl-artikolu 16(1)(j) u l-artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 382 kellha tuża l-kliem ta' dik il-liġi.

**19.** It-tieni aggravju ta' l-appellant Vella hu li ma setax jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Jgħid illi skond l-artikolu 83(1) ta' l-istess Att ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti ħlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju tat-Taxxi, u tali prova hi mankanti. L-appellant Vella jgħid illi jidher li fil-15 ta' April 2008, ġurnata fejn is-seduta

ġiet differita minħabba li l-Maġistrat sedenti kien imsiefer (fol. 17 sa 19), ġiet inserita fil-proċess ittra miktuba minn Paul Scicluna għan-nom tal-Kummissarju. Skond l-appellant Vella, l-awtentiċita` ta' dan id-dokument ma ġiet qatt konfermata bil-ġurament. Anzi tali dokument ma kellu qatt jiġi inserit fil-proċess in kwantu huwa risaput li ma jsirux seduti meta l-Maġistrat sedenti jkun imsiefer.

**20.** Il-fol. rilevanti tal-proċess f'dar-rigward huma l-fol. 19 sa 21. A fol. 19 hemm verbal tas-6 ta' Diċembru 2007 li jgħid illi l-Maġistrat sedenti kien imsiefer dakinhar (cioe` fis-6 ta' Diċembru 2007) u li s-seduta kienet qed tiġi differita għall-15 ta' April 2008. A fol. 20 u 21 imbagħad hemm id-dokument li minnu qiegħed jilmenta l-appellant Vella. Dan id-dokument ġie ndikat bħala "Dok. PS" u d-data preżumibilment tal-preżentata bħala "15/4/08". Peress illi ma ġie inserit l-ebda verbal datat 15 ta' April 2008, din il-Qorti, bid-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru 2014 ordnat li ssir riċerka mir-Reġistratur biex jivverifika jekk saritx seduta fil-15 ta' April 2008 u, f'każ affermattiv, jesebixxi permezz ta' nota vera kopja tal-verbal relattiv. Effettivament fid-29 ta' Ottubru 2014 ġiet ippreżentata nota mill-Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li permezz tagħha ġie esebit verbal tal-15 ta' April 2008 riferibilment għall-każ odjern. Minn dan il-verbal jirriżulta li s-seduta saret u fiha xehdu Paul Scicluna li esebixxa l-imsemmi Dok. PS kif ukoll Joseph Vella li esebixxa id-Dok. JV li jinsab a fol. 22. Konsegwentement, ġaladarba d-Dok. PS ġie kkonfermat bil-ġurament, it-tieni aggravju ta' l-appellant Vella ma jimmeritax akkoljiment u qiegħed jiġi miċħud.

**21.** It-tielet aggravju ta' l-appellant Vella hu li ma setax jingħata piena ta' priġunerija, nonche` sospiża, peress illi r-reat kontemplat fl-artikolu 16(1)(j) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa iġorr miegħu biss piena pekunjarja.

**22.** Kif ingħad, l-appellant Vella ma kellux jinstab ħati skond l-imsemmi artikolu 16(1)(j) tal-Kap. 382 u għaldaqstant l-ebda piena m'għandha tingħata fir-rigward. L-unika piena applikabbli hi dik għal ksur ta' l-artikolu 80 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud).

**23.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi (1) tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali; (2) għal dak li jirrigwarda l-appell ta' Adrian Vella, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati ta' ksur ta' l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' tali ksur, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu €783 multa li minnhom €260 huma dejn ċivili u in kwantu kkundannatu sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena bl-applikażżjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' tliet mija u ħamsin euro (€350) b'dan illi terz minn dak l-ammont (u cioe` mija u sittax-il euro u sebgħa u sittin ċenteżmi

(€116.67)) għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.